5 ta' Ġunju, 1951.

Imħallef:

L-Onor. Dr. W. Harding. B.Litt., LL.D.

Spiżjar George Mallia *versus* Joseph Azzopardi et.

**Novazzjoni — Impjeg — Professjonista — Liċenzjament — Klawsola Penali — Art. 1721 tal-Kodiċi Ċivili.**

*Billi ssir modifikazzjoni fi ftehim, ma tavverax ruħha novazzjoni bejn il-partijiet, jekk ma kienx hemm l-intenzjoni li ssir obligazzjoni ġdida in sostituzzjoni għall-antika, li tiġi mill-partijiet kanċellata.*

*L-impjegat għandu jitqies bħala tali, għall-finijiet tal-liġi, avvolja jkun professjonista; u għalhekk anki għall-professjonista hija applikabili d-dispożizzjoni tal-liġi li tintitola lill-impjegat għal nofs il-ħlas għall-bqija taż-żmien li jkun baqa' miż-żmien miftiehem, meta l-impjegat jiġi liċenzjat bla raġuni tajba qabel dak iż-żmien.*

*Ir-raġuni tajba għal liċenzjament qabel iż-żmien għandha tiġi pruvata mill-padrun li jallegaha.*

*Il-motiv tal-liċenzjament, imbagħad, irid ikun abitwali jew ta' ċerta gravità.*

*Il-klawsola penali ma hix applikabili ħlief fil-każ ta' inadempjenza ta' l-obligazzjoni prinċipali; u għalhekk, jekk l-impjegat jiġi liċenzjat għal xi raġuni li ma hix kontemplata fil-ftehim li għalih hija aċċessorja, il-klawsola penali ma ssehhx; b'mod li l-padrun ma jistax jippretendi li jħallas lill-impjegat liċenzjat l-ammont tal-penali minflok in-nofs tas-salarju għall-bqija taż-żmien miftiehem.*

Il-Qorti, — Rat l-att taċ-ċitazzjoni li fih l-attur ippremetta illi bi skrittura privata tat-2 ta' Ġunju 1938 (dok. A) hu ġie impjegat bħala spiżjar u manager ta' l-"Economical Zebbuġ Dispensary" minn l-Ispiżjar Joseph Debono u John Meli, li akkwistaw l-istess spiżerija minn għandu b'kuntratt tat-28 ta' Lulju 1938 (dok. B) fl-atti tan-Nutar Oscar Azzoparti; li dan l-impjeg kellu jkun għal żmien ta' tmien snin di fermo u tmien snin oħra di rispetto, l-ewwel tmien snin dekorribili mit-28 ta' Lulju 1938, data tal-bejgħ fuq imsemmi, u kellu jkun imħallas b'salarju ta' £12 fix-xahar; li l-konvenut, wara li akkwista l-istess spiżerija, u hekk daħal immedjatament fid-drittijiet u obligi kollha ta' l-imsemmija Spiżjar Joseph Debono u John Meli fir-relazzjonijiet ma' l-attur, kif jiġi pruvat fit-trattazzjoni, fil-31 ta' Lulju 1948, mingħajr ġusta kawża, u bi ksur tal-konvenzjoni fuq imsemmija, illiċenzjah mill-impjeg professjonali fuq imsemmi qabel it-terminu stipulat; u li inoltre l-konvenut, fil-31 ta' Lulju 1948, obliga ruħu li jirrestitwilu, fi żmien ġimgħa, is-somma ta' £19, bilanċ avvers tal-ġestjoni ta' l-ispiżerija għax-xahar preċedenti, stante li hu kien ħareġ £45 għax-xiri ta' mediċinali; u li l-konvenut baqa' ma ħallasx l-imsemmi bilanċ ta' £19 non ostanti l-interpellazzjonijiet li sarulu; u talab li, wara li jkunu premessi d-dikjarazzjonijiet kollha opportuni u kull provvediment meħtieġ, il-konvenut (1) jiġi kundannat jirrestitwilu s-somma ta' £19, bilanċ dovut lilu għar-raġuni premessa; (2) u minn dina l-Qorti jiġi dikjarat u deċiż li l-liċenzjament tiegħu da parti tal-konvenut kien mingħajr ġusta kawża u qabel ma għalaq it-terminu stipulat bil-konvenzjoni fuq imsemmija (dok. A) bejnu u bejn l-awturi tal-konvenut, u li għalhekk il-konvenut huwa tenut li jħallsu d-danni, likwidabili fl-ammont ta' salarju jew kwalunkwe parti minnu għaż-żmien rimanenti. B'riżerva ta' kwalunkwe azzjoni oħra kompetenti lill-attur, u bl-ispejjeż, kompriżi dawk ta' l-ittra uffiċjali tad-29 ta' Ottubru 1948, u bl-imgħax legali mill-1 ta' Awissu 1948, kontra l-konvenut;

***Omissis;***

Trattata l-kawża, ikkunsidrat;

Peress li l-attur qed jibbaża t-talba tiegħu fuq it-terminu ta' l-impjeg stipulat fl-iskrittura privata tat-2 ta' Ġunju 1938

(dok. A), fol. 6, u peress li l-konvenut, fl-eċċezzjonijiet tiegħu u fin-nota tiegħu fol. 141, qiegħed isostni li dik l-iskrittura ma għadhiex operativa, għaliex l-obligazzjoni fiha kontenuta ġiet surrogata b'oħra ġdida, b'mod li kien hemm dik l-ispeċi ta' novazzjoni li tissejjaħ "oġġettiva", għalhekk hu ovvju li għandha tiġi definita l-ewwel nett dina l-kwistjoni;

Bl-iskrittura fuq imsemmija l-attur ġie impjegat bħala spiżjar bis-salarju ta' £12 fix-xahar għal żmien tmien snin di fermo u tmien snin di rispetto mill-ġurnata ta' l-iskrittura; in segwitu sar ftehim verbali illi l-attur jagħmel ukoll ix-xogħol ta' compounder u jżidlu għaxar liri fix-xahar mas-salarju tiegħu ta' spiżjar, li sadattant kien ġie awmentat b'£4. Għalhekk is-salarju globali sar £26 fix-xahar;

Issa, deher mix-xhieda ta' l-attur................., li meta sar dan it-tibdil fis-salarju, l-attur insista li tibqa' però sseħħ, per tutt'altro, l-iskrittura fuq imsemmija. Issa, kif josserva l-Laurent, Princip. Dto. Civ. Vol. XVIII, para. 259:— "Tutto quanto abbiamo detto dimostra evidentemente che la volontà di novare è di essenza dell'obbligazione. Creditore e debitore possono benissimo modificare l'obbligazione originaria senza pensare di estinguerla, sostituendovi quella modificata; è dunque a vedere se abbiano l'intenzione di novare". Għalhekk il-fatt li saret modifikazzjoni ma jfisser xejn, jekk ma kienx hemm l-intenzjoni li ssir obligazzjoni ġdida in sostituzzjoni ta' l-antika, li tiġi mill-partijiet kanċellata. F'dan il-każ, meta saru t-tibdiliet, Dr. Cremona kien sejjer jagħmel skrittura ġdida; l-attur però sab oġġezzjoni, għax qal li ried li jibqgħu jimxu fuq l-antika; allura Dr. Cremona qatta' dik li kien qed jagħmel, u baqgħet l-obligazzjoni antika bit-tibdil li sar, u li għalhekk ġie aġġunt magħha, bħala ftehim verbali, li għalih fil-fatt ingħata eżekuzzjoni. Hu ċar, għalhekk, li ma kienx hemm ebda novazzjoni oġġettiva, u li kien hemm biss tibdil bi ftehim verbali li ġie aġġunt ma' l-iskrittura antika, li baqgħet isseħħ għall-bqija tagħha, kompriż it-terminu. Dak il-ftehim verbali ġie fil-fatt eżegwit;

**Ikkunsidrat;**

Ma hemmx dubju li l-attur, għalkemm professjonista, għandu jitqies bħala impjegat għall-finijiet ta' l-art. 1721 Kap.

23, li jgħid li kull min jibgħat impjegat bla raġuni tajba qabel iż-żmien stabbilit, hu obligat jagħtih nofs il-ħlas li jmissu jitħallas għall-bqija taż-żmien miftihem;

Hu ċar illi l-prova tar-"raġuni tajba" (meta l-fatt tal-liċenzjament hu paċifiku) tmiss lill-padrun li jallegaha. Infatti l-konvenut qed jallega l-fatt tal-motiv ġust, u għalhekk għandu jipprova dak il-fatt. "The burden of proving a fact", igħid il-Powell, "On Evidence", page 150, "rests, as a rule, on the party who affirms the fact, and not on the party who denies it. Ei incumbit probatio qui dicit, non qui negat". Fil-kawża "Amos vs. Hughes", Nisi Prius, 1835, 1 M. & Rob. 464, ċitata, il-Cockle's Cases and Statutes on Evidence, paġ. 131, jingħad l-istess — "the burden of proof of any particular fact in issue is upon the party who alleges the affirmative thereof";

Koerentement għal dawn il-prinċipji, il-Qorti, fol. 27, ordnat lill-konvenut jippreżenta nota tal-fatti li huwa jallega bħala motivi ġusti tal-liċenzjament; u meta din in-nota ġiet preżentata, fol. 38, ordnatlu, fol. 40, li jagħmel il-provi tiegħu dwar dawk il-fatti. Il-provi ma sostnewx l-allegazzjoni tal-konvenut;

Ġie minnu allegat..............;

Għalhekk l-addebiti mossi kontra l-attur ma jirriżultawx. In propożitu, għandu jingħad illi l-motiv tal-liċenzjament għandu jkun ta' ċerta gravità. Dik il-gravità tista' tiġi mill-fatt fih innifsu, jew inkella mir-reiterazzjoni sistematika ta' fatti diversi. Il-każistika ġurisprudenzjali lokali u estera till-lustra dana l-prinċipju. Hekk, per eżempju, fil-kawża "Caroll vs. Zarb", deċiża minn dina l-Qorti mill-Imħallef Prof. Dr. Edgar Ganado fis-6 ta' Ġunju 1933, ġie affermat il-prinċipju illi "l'insubordinazione del commesso può essere causa del suo immediato licenziamento da parte del principale, se la stessa sia abituale o di natura grave". Hekk ukoll, l-Imħallef Dr. Paolo Debono, sedenti f'din il-Qorti, fil-kawża "Serbi vs. De Piro ne.", 23 ta' Diċembru 1898, kellu okkażjoni jeżemplifika xi kawżi ġusti ta' liċenzjament, u semma "la incapacità del locatore di opera di adempiere le obbligazioni assunte, la sua infedeltà del servizio, la sua abituale insubordinazione, i gravi danni da lui recati all'interesse del padrone..................".

Kwantu għall-ġurisprudenza estera, l-istess prinċipju jista' jiġi konvenjentement argumentat mid-diversi deċiżjonijiet tal-Qrati Taljani riportati mill-Fadda, comm. art. 1628, fin-numri 160, 179, 183, 187, 211. Kwantu għall-ġurisprudenza tal-Qrati Franċiżi, jista' jiġi l-istess argumentat mid-diversi każijiet ċitati mill-Baudry, Locaz. Vol. II, Parte I, pag. 621. li hemm bżonn tkun xi ħaġa gravi fiha nnifisha, jew għaliex abitwali u sistematika. Issa, fil-każ preżenti, mhux talli ma kien hemm xejn, la gravi fih innifsu u lanqas minħabba l-abitwalità, imma fil-fatt ma rriżulta ebda addebitu kontra l-attur; u evidentement kollox kien pretest. L-attur qeda tajjeb id-dmirijiet tiegħu, u għamel mill-aħjar li seta', avvolja kellu l-iżvantaġġ ta' farmaċija li ma kienetx stokkjata tajjeb, b'mod li kien jonqosha spiss oġġetti ta' użu korrenti;

**Ikkunsidrat;**

Illi, ġaladarba ma rriżultax motiv ġust għall-liċenzjament ta' l-attur, hemm lok għall-ħlas ta' l-indenniżż kontemplat fl-art. 1721 Kap. 23;

Anki hawn il-konvenut issolleva l-eċċezzjoni illi l-indenniżż hu limitat għas-somma ta' £50 skond l-iskrittura fol. 6 (ara l-aħħar para. tan-nota tal-konvenut fol. 142);

Dina l-eċċezzjoni mhix sostnuta. Il-klawsola numru 4 tikkontempla speċifikatament il-każ li fih "l-ispiżerija ma tkunx tiflaħ l-ispejjeż li jkollha". Kif josserva l-Laurent (Op. ċit. Vol. XVII, para. 427, paġ. 329), "lo scopo della clausola penale ne determina il carattere e gli effetti. Perchè sieno dovuti i danni e interessi, e quindi ricorra il pagamento di una penale, è mestieri che non sia stata eseguita l'obbligazione principale. Nel caso di stipulazione di una pena vi sono due obbligazioni; una chiamata principale, e l'altra cui la dottrina dà il nome di accessoria. La clausola penale è accessoria, nel senso che non può concepirsi indipendentemente da una altra obbligazione, di cui mira ad assicurare l'adempimento";

Issa, hu inekwivokament ċar mit-termini ta' l-iskrittura (klawsola numru 4) illi l-obligazzjoni prinċipali kawtelata bil-penali hi biss dik li l-ispiżerija ma tiflaħx l-ispejjeż li jkollha; mentri l-każ li għandha quddiemha l-Qorti, anki skond is-sistema defensjonali adottat mill-konvenut fit-trattazzjoni kollha.

ma hux dak ta' liċenzjament għaliex l-ispiżerija ma tiflaħx l-ispejjeż, imma każ li fih il-konvenut jippretendi li kellu dritt jillicenzja lill-attur qabel iż-żmien stipulat għall-motivi li hu elenka fol. 38. Del resto, hu ċar il-għaliex fil-każ kontemplat id-danni ġew l'mitati għal somma relativament żgħira. Infatti, k'eku ivverifika ruħu, dan kien ikun każ li fih ma kien ikun hemm ebda azzjoni illegali mill-parti tal-konvenut, imma kienet tkun eventwal'tà aċċidentali barra mill-kontroll tiegħu, ċjoè nuqqas ta' prosperità fl-eżerċizzju ta' l-ispiżerija, mentri i-każ ta' liċenzjament, jekk ikun inġust, hu materja ta' tort tal-konvenut, li, jekk ma riedx jirrendi ruħu responsabili għal danni f'somma akbar, kien jiddependi minnu jimxix sewwa jew le. Għalhekk il-konvenut, fil-waqt li kellu l-interess jillimita r-responsabilità għall-eventwalità ta' forza maġġuri, ma kellux interess hekk impellenti għal każ li kien ikun jiddependi mill-aġir tiegħu;

Ikkunsidrat;

L-indennizz hu regolat mil-liġi (art. fuq imsemmi). Iż-żmien m'ftiehem.............. Fil-fatt hu paċifiku li t-terminu di rispetto nbeda. Hu wkoll paċifiku li l-liċenzjament sar fil-31 ta' Lulju 1948, ċjoè sitt snin nieqes erbat ijiem qabel l-għeluq taż-żmien stipulat. Għalhekk, skond il-liġi, l-attur għandu d-dritt għall-indennizz korrispondenti għal nofs il-ħlas li kien imissu jitħallas għall-bqija taż-żmien;

Issa, l-obligu fl-iskrittura kien li l-attur jibqa' impjegat għal dak iż-żmien bħala spiżjar (u mhux bħala compounder). Għalhekk ma għandux jitqies l-ammont addizzjonali li kien jirċievi bħala li kien jagħmel ukoll ix-xogħol ta' compounder, imma għandu jitqies biss is-salarju tiegħu ta' spiżjar, li fiż-żmien tal-liċenzjament kien ta' £16. Għalhekk l-attur għandu l-jedd għas-somma ta' £573. 17. 4, li hi nofs is-salarju li kien fadallu, ċjoè sitt snin nieqes erbat ijiem. Din is-somma għandha titħallas in blokk, u mhux perijodikament, kif dan il-punt ġie deċiż fil-kawża "Harding vs. Vigo", Appell 27. 11. 33;

Għal dawn il-motivi tiddeċidi;

Billi tastjeni li tieħu konjizzjoni ta' l-ewwel talba stante rinunzja għall-meritu tagħha, iżda tikkundanna lill-konvenut għall-ħlas ta' l-ispejjeż relativi;

Tilqa' t-tieni talba fis-sens li tagħmel id-dikjarazzjoni mitluba u tikkundanna lill-konvenut għall-ħlas tas-somma ta' £573. 17. 4, bl-imgħax kummerċjali mil-lum, u bl-ispejjeż.